BORMLA
Città Cospicua

**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 14**

**IL-ĦAMIS 27 TA' MEJJU, 2010**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 27 ta' Mejju, 2010 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI ( Sitt Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużata: Il-Viċi Sindku Alison Zerafa

**AGENDA**

1. Minuti (Seduta Nru. 13)
2. Skeda ta' Pagamenti – April 2010
3. Grawnds Peppi Delceppo
4. Audit Report, Ittra ta' Direzzjoni u Risposta tas-Sindku – Diċmebru 2009
5. Korsijiet tal-Kompjuter
6. Korrispondenza
7. Ħwejjeġ Oħra

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**14/01** <u>**MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 13**</u>

Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

***Korrezzjonijiet***

**14/01/01** It-titlu ta' paragrafu 13/07 għandu jaqra "Festival tas-Swar"

**14/01/02** Paragrafu 13/08/05 għandu tizdiedlu din is-sentenza "Din id-deċiżjoni hija suġġetta għall-approvazzjoni ta' l-ADT."

**14/01/03** Paragrafu 13/08/06 għandu jibda hekk: "Fuq inizjattiva tas-Sotto Kumitat Kultura....."

**14/01/04** Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti li l-iskip ta' Triq il-Mitħna tneħħa għax kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ madwarhom.

Wara kunsiderazzjoni dwar il-minuti fuq mozzjoni tas-**<u>Sindku Joseph Scerri</u>**, issekondat mill-**Kunsillier Raymond Balzan**, il-Kunsill approva l-minuti bħala dokument korrett u s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmwahom.

**14/02** **<u>SKEDA TA' PAGAMENTI – APRIL 2010</u>**

14/02/01 ***<u>Pagamenti Magħmula</u>***
Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti magħmula f'dan l-aħħar xahar, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija (kopja annessa). Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

14/02/02 ***<u>Pagamenti li jridu jsiru</u>***
Is-Sindku ressaq ukoll il-lista ta' kontijiet li għad iridu jitħalsu għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti (kopja annessa). Il-Kunsill approva unanimament biex jitħallsu dawn il-kontijiet.

14/02/03 Il-Kunsill unanimament approva li jekk xi impjegat tal-Kunsill juża l-karozza tiegħu għal xogħlijiet tal-Kunsill għandu jieħu l-kumpens skont kif hija l-proċedura tal-Gvern Ċentrali.

**14/03** **<u>GRAWNDS PEPPI DELCEPPO</u>**

Is-Sindku qal li l-operatur tal-bar tal-grawnds Peppi Delceppo diġa qed jopera l-bar u ta' kuljum jiġi l-Kunsill bil-flus tal-kirjiet tal-grawnds.

Madanakollu, l-kuntratt għadu ma ġiex iffirmat minn Vassallo Builders għaliex il-Kunsill kien talab li l-kera tal-bar għandha tinżamm mill-Kunsill biex tkopri il-kera ta' l-art u spejjeż oħra amministrattivi filwaqt li l-kirjiet tal-grawnds tinqasam ugwalment bejn l-operatur u Vassallo Builders. Il-Kunsill approva unanimament li jinnegozja ma' Vassallo Builders il-pakkett imsemmi hawn fuq u f'każ li Vassallo Builders jibqa' jinsisti li jieħu l-kirja tal-bar ukoll, il-Kunsill jawtorizza li jiġi ffirmat il-kuntratt u ma jdaħħal l-ebda flus.

**14/04** **<u>AUDIT REPORT, ITTRA TA' DIREZZJONI U RISPOSTA TAS-SINDKU – DIĊEMBRU 2009</u>**

Is-Sindku preżenta r-rapport ta' l-awditur kif ukoll ir-risposta tiegħu għar-rapport.

Il-Kunsilliera fetħu diskussjoni twila dwar ir-rapport ta' l-awditur u r-risposta tas-Sindku. Wara konsiderazzjoni tagħhom, il-Kunsill unanimament approva li tintbagħat ir-risposta tas-Sindku kif ippreżentata.

**14/05** **KORSIJIET TAL-KOMPJUTER**

Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm ħafna possibilitajiet biex nagħmlu korsijiet tal-komputer.
It-TCTC offra kors li jqum madwar Euro 1,100 u l-istudenti jħallsu Euro10 tal-materjal. Hu nforma l-Kunsill li saħansitra sab sponsor biex ikopri l-ħlas ta' Euro 1,100.
Possibilita' oħra hija li l-Kunsill taż-Żgħażagħ iġib sponsor pero mhux neċessarjament li jinkludi l-ispejjeż kollha.
Fl-istess ħin, il-Viċi Sindku qiegħed f'tentattiv li jgħamel użu mill-fondi tal-Life Long Learning. Dawn il-korsijiet se jkunu miftuħa kemm għat-tfal kif ukoll għaż-żgħażagħ.
Il-Kunsill approva unanimament li jsiru l-korsijiet tal-kompjuter lill-oqsma differenti tar-residenti u kull resident interessat iħallas mhux inqas minn Euro 5.
Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu lit-TCTC sabiex jinfurmana min hu l-isponsor sabiex nibgħatulu ittra ta' ringrazzjament.

**14/06** **KORRISPONDENZA**

14/06/01 ***Taħriġ lis-Segretarji Eżekuttivi (05/1262/10/IN)***
L-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli Lokali li se jsir taħriġ fi Brussels għas-Segretarji Eżekuttivi.
It-taħriġ se jkun jirrigwardja l-fondi aċċessibli lill-Kunsilli Lokali u kif tapplika għalihom, immaniġġjar ta' fondi ewropej u l-ġustifikazzjoni ta' l-użu tal-fondi.
L-email tgħid ukoll li apparti li se jkun hemm fondi mis-Segretarjat għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, l-ASKLM se tkopri l-ħlas ta' Euro 800 tar-reġistrazzjoni tal-programm tat-taħriġ dwar proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub biex jispjega kif inhija s-sitwazzjoni tal-finanzi tal-Kunsill. Hu rrisponda li s-sitwazzjoni mhix xi waħda b'saħħitha u soda għax kien hemm okkażjonijiet fejn ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dan.
Il-Kunsill unanimament ma approvax il-parteċipazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv f'dan it-taħriġ in vista li kif spjega s-Segretarju Eżekuttiv stess, is-sitwazzjoni tal-finanzi tal-Kunsill mhix xi waħda soda.

14/06/02 **Troy Vessels fil-Baċir Nru. 1** ***(05/1255/10/IN)***
Il-Kunsillier John Vella spjega li hija x-xewqa tas-Sur Anthony Cassar (Cassar Ship Repairs Ltd) li l-ġifen ta' Troy jitpoġġew fil-Baċir Nru. 1. Is-Sur Cassar talab ukoll li jsir kuntratt dwar it-trasferiment tal-ġifen/iġfna li l-parametri tal-qbil kienu annessi fl-email.
Is-Sindku spjega li dalwaqt jibda x-xogħol ta' tisbieħ fuq il-baċir filwaqt li s-sid tal-baċir huwa l-Gvern Ċentrali waqt li l-proġett ser ikun qed jiġi mplimentat mill-Grand Harbour Regeneration Corporation. Għaldaqstant,

il-Kunsill Lokali ma jistax jiffirma ftehim biex issir attivita' fi propjeta ta' ħaddieħor.
Il-Kunsill approva unanimament li ssir laqgħa mas-Sur Anthony Cassar dwar dan it-trasferiment.

14/06/03 ***Bir Mula Heritage (05/1231/10/IN)***

Id-Direttur ta' Bir Mula Heritage talab lill-Kunsill biex jingħata permess iwaħħal prevention bollards fuq il-bankina quddiem il-Mużew biex jiġu evitati inċidenti u ma jsirx aktar parking fuq il-bankina.
Il-Kunsillier John Vella, qal li peress li f'dan il-każ għandu nteress, talab li jiġi skużat sakemm tittieħed id-deċiżjoni filwaqt li ħareġ għal mument.
Il-Kunsill approva unanimament li nitolbu permess lill-ADT biex isiru double yellow lines fit-triq kollha fil-parti d-dejqa ta' quddiem il-Mużew.

14/06/04 ***Dipartiment għall-Gvern Lokali – Memo 70/2010 - Ferrovija mingħajr Binarji (05/1276/10/IN)***

Id-Dipartiment tal-Gvenr Lokali nfurmana permezz ta' Memo 70/2010 li ġie ppubblikat Avviż Legali 272 ta' l-2010 dwar ferrovija mingħajr binarji għall-ġarr ta' passiġġieri fejn aktar dettalji jistgħu jinkisbu mir-Road Transport Services Unit.
Il-Kunsill unanimament approva dan:

(a) Il-Kunsillier John Vella għandu jippreżenta rotta għall-ġarr ta' passiġġieri u turisti.
(b) Napplikaw lill-ADT biex jinħareġ permess għal din ir-rotta biex wara l-Kunsill ikun jista' joħroġ tender għall-operatur.
(c) Nindagaw jekk il-Kunsill jista' jagħmel użu minn fondi ta' l-Unjoni Ewropeja.

14/06/05 ***Każin tal-Banda San Ġorġ***

Il-Kunsill approva unanimament li tinxtara tazza kommemorattiva lill-Każin tal-Banda San Ġorġ f'għeluż il-150 Sena mit-twaqqif tagħha fis-sena 1862,
Il-Kunsill talab li jrid jiġi ndikat li l-preżentazzjoni tat-'Tazza tal-Ħbiberija' saret mill-Kunsill Lokali ta' Bormla filwaqt li l-prezz m'għandux jaqbeż Euro 70.

## 14/07 ĦWEJJEĠ OĦRA

14/07/01 Is-Sindku nforma l-Kunsill li ftit tal-ġranet ilu, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv żaru iż-żona ta' Hubbard Flats fejn kumpanija Russa, kienet qed tiġbed xeni għal film wara li l-Kunsill kien ħarġilhom permess għal din l-attivita'. Waqt iż-żjara saret diskussjoni mad-diriġenti Maltin ta' l-organizzaturi dwar l-inkonvenjent li qed isofru r-residenti tal-madwar speċjalment fir-rigward ta' parkeġġ. L-għada, l-kumpanija preżentat lill-Kunsill ċekk ta' Euro 200 ta' l-inkonvenjent lejn ir-residenti.

14/07/02 Il-Kunsill approva unanimament li jinxtraw tliet tabelli ta' l-ipparkjar bis-silencer 'il barra biex jitwaħħlu fil-housing estate ta' San Ġwann t'Għuxa quddiem Blk 1, 2 u 3.

14/07/03 Il-Kunsillier John Vella preżenta l-minuti tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat Kultura, Turiżmu, Wirt Storiku u Relazzjonijiet Internazzjonali. Is-Sotto Kumitat ippropona li titwaħħal irħama / plakka kommemorattiva mal-knisja ta' San Pawl faċċata tal-bieb tal-Posta li tfakkar li l-appostlu San Pawl telaq għal Ruma minn Bormla, proprju mix-Xatt ta' Bormla.

14/07/04 Is-Sotto Kumitat issuġġerixxa li t-tombla u l-fieri li qabel kienu jsiru fil-bandli ta' quddiem il-Kunsill jibdew isiru fil-pjazza (ix-xgħajra) ta' quddiem il-Kunsill.

14/07/05 Il-Kunsillier John Vella ppreżenta inventarju tal-postijiet storiċi u siti oħra ta' nteress storiku. Hu żied jgħid li l-iskart għandu jkompli jinġabar minn Triq id-Dejqa.

14/07/06 Il-Kunsillier Raymond Balzan insista li jitneħħa l-Bring-In-Site ta' Triq il-Mitħna għax qed ikun hemm ħafna skart madwar il-bins. Wara, il-Kunsill iddiskuta din il-proposta.

Fid-9.30pm, il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa u aġġornata għall-24 ta' Ġunju, 2010, fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Joseph Scerri<br>Sindku | Joseph Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |